

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/90/KE**

tas-6 ta' Ottubru 2003

li tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 254, 8.10.2003, p. 7)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Pàġna	Data
► <u>M1</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2005/91/KE tas-16 ta' Diċembru 2005	L 321M	375	21.11.2006
► <u>M2</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/48/KE tas-26 ta' Lulju 2007	L 195	29	27.7.2007
► <u>M3</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/97/KE tat-3 ta' Awwissu 2009	L 202	29	4.8.2009
► <u>M4</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/46/UE tat-2 ta' Lulju 2010	L 169	7	3.7.2010
► <u>M5</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/68/UE tal-1 ta' Lulju 2011	L 175	17	2.7.2011
► <u>M6</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/8/UE tat-2 ta' Marzu 2012	L 64	9	3.3.2012
► <u>M7</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/44/UE tas-26 ta' Novembru 2012	L 327	37	27.11.2012
► <u>M8</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/57/UE tal-20 ta' Novembru 2013	L 312	38	21.11.2013
► <u>M9</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/105/UE tal-4 ta' Diċembru 2014	L 349	44	5.12.2014
► <u>M10</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1168 tal-15 ta' Lulju 2015	L 188	39	16.7.2015
► <u>M11</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1914 tal-31 ta' Ottubru 2016	L 296	7	1.11.2016
► <u>M12</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/100 tat-22 ta' Jannar 2018	L 17	34	23.1.2018
► <u>M13</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/114 tal-24 ta' Jannar 2019	L 23	35	25.1.2019
► <u>M14</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1985 tat-28 ta' Novembru 2019	L 308	86	29.11.2019
► <u>M15</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/746 tas-6 ta' Mejju 2021	L 160	94	7.5.2021

► <u>M16</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/905 tad-9 ta' Ġunju 2022	L 157	1	10.6.2022
► <u>M17</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1647 tat-23 ta' Settembru 2022	L 248	46	26.9.2022
► <u>M18</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1438 tal-10 ta' Lulju 2023	L 176	17	11.7.2023
► <u>M19</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2963 tad-29 ta' Novembru 2024	L 2963	1	2.12.2024

Kkoreġuta minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 65, 2.3.2023, p. 58 (2022/1647)

▼B**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/90/KE****tas-6 ta' Ottubru 2003**

li tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-inklużjoni f'katalogu nazzjonali, fis-sens ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/53/KE, tal-varjetajiet ta' l-speċi tal-pjanti agrikoli li jilħqu l-ħtiġijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

▼M17

2. Fir-rigward tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà, u mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu:

- (a) l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness I għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-“Protokoll għall-provi għal distintività, uniformità u stabbiltà” tal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) imniżżlin f'dak l-Anness;
- (b) l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness II għandhom jikkonformaw mal-linji gwida tat-test għat-twettiq ta' testijiet għad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (UPOV) imniżżlin f'dak l-Anness.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-uniformità, il-varjetajiet organiċi adattati għall-produzzjoni organika, li jappartjenu għall-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness IV, il-Parti A, jistgħu minflok jikkonformaw mal-kondizzjonijiet imniżżlin fil-Parti B ta' dak l-Anness.

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena u sal-31 ta' Diċembru 2030, dwar l-għadd ta' applikazzjonijiet għar-reġistrazzjonijiet tal-varjetajiet u r-riżultati tal-eżamijiet għad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà (DUS) li jikkonċernaw daww il-varjetajiet organiċi

▼B

3. Fir-rigward tal-valur għall-koltivazzjoni jew użu, il-varjetajiet għandhom iħarsu l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) tad-Direttiva.

▼M17**▼C1**

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-valur għall-kultivazzjoni jew l-użu, il-varjetajiet organiċi adattati għall-produzzjoni organika, li jappartjenu għall-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness V, il-Parti A, jistgħu minflok jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti B ta' dak l-Anness.

▼M17

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena u sal-31 ta' Diċembru 2030, dwar l-għadd ta' applikazzjonijiet u riżultati tal-eżamijiet għall-valur tal-kultivazzjoni u l-użu (VCU) li jikkonċernaw daww il-varjetajiet organiċi.



Artikolu 2

Il-karatteristiċi kollha tal-varjeta' fis-sens ta' l-Artikolu 1(2)(a), u kwalunkwe karatteristiċi li huma mmarkati b'asterisk (*) fil-linji gwida ta' prova msejħin fl-Artikolu 1(2)(b) għandhom jiġu użati, previst li l-osservazzjoni ta' karatteristika ma tkunx magħmula impossibbli minħabba l-espressjoni ta' kwalunkwe karatteristiċi oħra, u previst li l-espressjoni ta' karatteristika ma tkunx impossibbli minħabba l-kondizzjonijiet ambjentali li fihom hi mwettqa l-prova.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fir-rigward ta' l-ispeċi mnizzżlin fl-Annessi I u II, il-ħtiġijiet minimi għat-twettiq ta' l-eżamijiet li jirrigwardaw il-kondizzjonijiet ta' disinn ta' prova u ta' tkabbir, kif stabbiliti fil-linji gwida ta' prova msejħin f'dawk l-Annessi, jiġu sodisfatti fil-ħin ta' l-eżamijiet.

Artikolu 4

Id-Direttiva 72/180/KEE hi mħassra.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-ħarsien ta' din id-Direttiva sal-31 ta' Marzu 2004 mill-aktar tard. Għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha tiġi magħmula din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi domestika li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 6

1. Fejn, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, hemm varjetajiet li ma ġewx aċċettati biex jagħmlu parti mil-Katalogu Komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli, u eżamijiet uffiċjali bdew qabel dik id-data skond id-dispożizzjonijiet ta' jew

(a) id-Direttiva 72/180/KEE jew

(b) tal-linji gwida CPVO mnizzżlin fl-Anness I jew il-linji gwida UPOV mnizzżlin fl-Anness II, skond l-ispeċi,

il-varjetajiet in kwistjoni għandhom jiġu meqjusa li jilħqu l-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva.

▼B

2. Il-Paragrafu 1 għandu japplika biss fejn il-provi wasslu għall-konklużjoni li l-varjetajiet iħarsu r-regoli stabbiliti jew

- (a) fid-Direttiva 72/180/KEE jew
- (b) fil-linji gwida CPVO mniżżlin fl-Anness I jew il-linji gwida UPOV mniżżlin fl-Anness II, skond l-ispeċi.

Artikolu 7

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

▼ **M19**

ANNEX I

Lista tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), li jridu jikkonformaw mal-protokkoli tekniċi tas-CPVO (*)

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
<i>Dactylis glomerata</i> L.	Dekkuka	TP 31/1 tal-25.3.2021
<i>Festuca arundinacea</i> Schreb.	Żwien tar-ragħa	TP 39/1 tal-1.10.2015
<i>Festuca filiformis</i> Pourr.	Żwien tan-nagħaġ tal-werqa fina	TP 67/1 tat-23.6.2011
<i>Festuca ovina</i> L.	Żwien tan-nagħaġ	TP 67/1 tat-23.6.2011
<i>Festuca pratensis</i> Huds.	Żwien tal-mergħat	TP 39/1 tal-1.10.2015
<i>Festuca rubra</i> L.	Żwien aħmar	TP 67/1 tat-23.6.2011
<i>Festuca trachyphylla</i> (Hack.) Hack.	Żwien iebes	TP 67/1 tat-23.6.2011
<i>Lolium multiflorum</i> Lam.	Sikrana Taljana	TP 4/2 tad-19.3.2019
<i>Lolium perenne</i> L.	Sikrana perenni	TP 4/2 tad-19.3.2019
<i>Lolium x hybridum</i> Hausskn.	Sikrana ibrida	TP 4/2 tad-19.3.2019
<i>Medicago sativa</i> L.	Nifel	TP 6/1 Rett. tat-22.12.2021
<i>Medicago x varia</i> T. Martyn	Xnien ir-ramel	TP 6/1 Rett. tat-22.12.2021
<i>Phleum nodosum</i> L.	Mustaċċ il-qattus	TP 34/1 tat-22.12.2021
<i>Phleum pratense</i> L.	Denb il-qattus	TP 34/1 tat-22.12.2021
<i>Pisum sativum</i> L. (partim)	Piżelli	TP 7/2 Rev. 3 Rett. tas-6.3.2020
<i>Poa pratensis</i> L.	Mellieġ taz-zokk lixx	TP 33/1 tal-15.3.2017
<i>Trifolium pratense</i> L.	Silla ħamra	TP 5/1 tat-22.12.2021
<i>Vicia faba</i> L.	Ful	TP 8/1 tad-19.3.2019
<i>Vicia sativa</i> L.	Ġilbiena sewda	TP 32/1 tad-19.4.2016
<i>Brassica napus</i> L. var. <i>napobrassica</i> (L.) Rchb.	Lift	TP 89/1 tal-11.3.2015
<i>Raphanus sativus</i> L. var. <i>oleiformis</i> Pers.	Ravanell żejtnei	TP 178/1 tal-15.3.2017
<i>Brassica napus</i> L. (partim)	Kolza	TP 36/3 tal-21.4.2020
<i>Cannabis sativa</i> L.	Qanneb	TP 276/2 Rev. tat-30.12.2022
<i>Glycine max</i> (L.) Merr.	Fażola tas-sojja	TP 80/1 tal-15.3.2017
<i>Gossypium</i> spp.	Qoton	TP 88/2 tal-11.12.2020
<i>Helianthus annuus</i> L.	Ġirasol	TP 81/1 tal-31.10.2002
<i>Linum usitatissimum</i> L.	Kittien/Żerriegħa tal-kittien	TP 57/2 tad-19.3.2014

▼ **M19**

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
<i>Sinapis alba</i> L.	Mustarda bajda	TP 179/1 tal-15.3.2017
<i>Avena nuda</i> L.	Ħafur għerwien żgħir, ħafur mingħajr buq	TP 20/3 tas-6.3.2020
<i>Avena sativa</i> L. (inkluż <i>A. byzantina</i> K. Koch)	Ħafur u Ħafur Aħmar	TP 20/3 tas-6.3.2020
<i>Hordeum vulgare</i> L.	Xgħir	TP 19/5 tad-19.3.2019
<i>Oryza sativa</i> L.	Ross	TP 16/3 tal-1.10.2015
<i>Secale cereale</i> L.	Segala	TP 58/1 Rev. Rett. tas-27.4.2022
<i>Sorghum bicolor</i> (L.) Moench sottosp. <i>bicolor</i>	Sorgu	TP 122/1 tad-19.3.2019
<i>Sorghum bicolor</i> (L.) Moench sottosp. <i>drummondii</i> (Steud.) de Wet ex Davidse	Ħaxix tas-Sudan	TP 122/1 tad-19.3.2019
<i>Sorghum bicolor</i> (L.) Moench sottosp. <i>bicolor</i> x <i>Sorghum bicolor</i> (L.) Moench sottosp. <i>drummondii</i> (Steud.) de Wet ex Davidse	Ibridi li jirriżultaw mill-inkroċjar ta' <i>Sorghum bicolor</i> sottospeċi <i>bicolor</i> ma' <i>Sorghum bicolor</i> sottospeċi <i>drummondii</i>	TP 122/1 tad-19.3.2019
<i>xTriticosecale</i> Wittm. ex A. Camus	Ibridi li jirriżultaw mill-inkroċjar ta' speċi tal-ġeneru <i>Triticum</i> ma' speċi tal-ġeneru <i>Secale</i>	TP 121/3 Rett. tas-27.4.2022
<i>Triticum aestivum</i> L. sottospeċi <i>aestivum</i>	Qamħ	TP 3/5 tad-19.3.2019
<i>Triticum turgidum</i> L. sottospeċi <i>durum</i> (Desf.) van Slageren	Qamħ durum	TP 120/3 tad-19.3.2014
<i>Zea mays</i> L. (partim)	Qamħirrum	TP 2/3 tal-11.3.2010
<i>Solanum tuberosum</i> L.	Patata	TP 23/4 tat-28.11.2023

(*) It-test ta' dawn il-protokoll jinsab fuq is-sit web tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

▼ **M19**

ANNEX II

Lista tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), li jridu jikkonformaw mal-linji gwida tal-ittestjar tal-UPOV (*)

Isem xjentifiku	Isem komuni	Linja gwida tal-UPOV
<i>Beta vulgaris</i> L.	Pitravi tal-għalf	TG/150/3 tal-4.11.1994
<i>Agrostis canina</i> L.	Agrostide kanina	TG/30/6 tat-12.10.1990
<i>Agrostis gigantea</i> Roth	Agrostide ġganta	TG/30/6 tat-12.10.1990
<i>Agrostis stolonifera</i> L.	Agrostide rampikanti	TG/30/6 tat-12.10.1990
<i>Agrostis capillaris</i> L.	Agrostide komuni	TG/30/6 tat-12.10.1990
<i>Bromus catharticus</i> Vahl	Hurtan Perenni	TG/180/3 tal-4.4.2001
<i>Bromus sitchensis</i> Trin.	Bromu tal-Alaska	TG/180/3 tal-4.4.2001
<i>xFestulolium</i> Asch. et Graebn.	Ibridi li jirriżultaw mill-inkroċjar ta' speċi tal-ġeneru <i>Festuca</i> ma' speċi tal-ġeneru <i>Lolium</i>	TG/243/1 tad-9.4.2008
<i>Lotus corniculatus</i> L.	Ghantqux	TG/193/1 tad-9.4.2008
<i>Lupinus albus</i> L.	Lupina bajda	TG/66/4 tal-31.3.2004
<i>Lupinus angustifolius</i> L.	Lupina b'weraq dojoq	TG/66/4 tal-31.3.2004
<i>Lupinus luteus</i> L.	Lupina safra	TG/66/4 tal-31.3.2004
<i>Medicago doliata</i> Carmign.	Nefel tal-fergħa dritta	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago italica</i> (Mill.) Fiori	Nefel tal-midalja	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago littoralis</i> Rohde ex Loisel.	Nefel tax-xtut	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago lupulina</i> L.	Nefel iswed	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago murex</i> Willd.	Nefel tal-globu	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago polymorpha</i> L.	Nefel komuni	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago rugosa</i> Desr.	Nefel imkemmex	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago scutellata</i> (L.) Mill.	Nefel tal-bebbux	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago truncatula</i> Gaertn.	Nefel tal-fosdqa	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Trifolium repens</i> L.	Silla bajda	TG/38/7 tad-9.4.2003
<i>Trifolium subterraneum</i> L.	Silla sotterranja	TG/170/3 tal-4.4.2001
<i>Phacelia tanacetifolia</i> Benth.	Kampanella ta' Kalifornja	TG/319/1 tal-5.4.2017
<i>Arachis hypogaea</i> L.	Karawett	TG/93/4 tad-9.4.2014
<i>Brassica juncea</i> (L.) Czern.	Mustarda kannella	TG/335/1 tas-17.12.2020
<i>Brassica rapa</i> L. var. <i>silvestris</i> (Lam.) Briggs	Lift tan-nevew	TG/185/3 tas-17.4.2002
<i>Carthamus tinctorius</i> L.	Għosfor	TG/134/4 tal-24.10.2023
<i>Papaver somniferum</i> L.	Xaħxieħa	TG/166/4 tad-9.4.2014

(*) It-test ta' dawn il-linji gwida jinsab fuq is-sit web tal-UPOV (www.upov.int).



ANNESS III

**KARATTERISTIĊI FIR-RIGWARD TA' L-EŻAMI TAL-VALUR GĦAL
KULTIVAZZJONI JEW UŻU**

1. Produzzjoni.
2. Reżistenza għal organiżmi li jagħmlu l-ħsara.
3. Imġiba fir-rigward għal fatturi fl-ambjent fiżiku.
4. Karatteristiċi tal-kwalità.

Il-metodi użati għandhom jiġu speċifikati meta r-riżultati huma mogħtija.

▼ **M17***ANNEX IV***PARTI A****Lista ta' speċijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(2)**

Xgħir

Qamħirrum

Segala

Qamħ

PARTI B**Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar t-testijiet għad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà għal varjetajiet organiċi ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli adattati għall-produzzjoni organika****1. Regola ġenerali**

Dan li ġej għandu japplika għal varjetajiet organiċi ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli adattati għall-produzzjoni organika:

1.1. Fir-rigward tad-distintività u l-istabbiltà, il-karatteristiċi kollha tal-protokoll u l-linji gwida msemmija fl-Annessi I u II għandhom jiġu osservati u deskritti.

1.2. Fir-rigward tal-uniformità, il-karatteristiċi kollha tal-protokoll u l-linji gwida msemmija fl-Annessi I u II għandhom jiġu osservati u deskritti u dan li ġej għandu japplika għall-karatteristiċi mniżżlin fil-punt 2:

(a) dawk il-karatteristiċi jistgħu jiġu vvalutati b'mod inqas strett;

(b) fejn għal dawk il-karatteristiċi tkun prevista deroga mill-protokoll tekniku rispettiv f'dak il-punt 2, il-livell ta' uniformità fil-varjetà għandu jkun simili għal-livell ta' uniformità ta' varjetajiet komparabbli ta' għar-fien komuni fl-Unjoni.

2. Deroga mill-protokoll tekniki**2.1. Xgħir**

Għall-varjetajiet li jappartjenu għall-ispeċi xgħir (*Hordeum vulgare* L.), il-karatteristiċi tad-DUS li ġejjin tal-protokoll CPVO/TP-019/5 tas-CPVO tal-varjetà ttestjata jistgħu, għall-uniformità, jiddevjaw mir-rekwiżiti tad-DUS li ġejjin:

CPVO Nru 5 — L-aħħar werqa: l-awrikoli kulur antoċjanina

CPVO Nru 8 — L-aħħar werqa: il-glawkożità tal-għant

CPVO Nru 9 — Sifi: il-ponot kulur antoċjanina

CPVO Nru 10 — Sbula: il-glawkożità

CPVO Nru 12 — Ħabba: in-nervituri tal-lemma kulur antoċjanina

CPVO Nru 16 — Spika żgħira sterili: l-orjentazzjoni

CPVO Nru 17 — Sbula: il-forma

CPVO Nru 20 — Sifa: it-tul

CPVO Nru 21 — Rakida: it-tul tal-ewwel segment

CPVO Nru 22 — Rakida: il-kurvatura tal-ewwel segment

CPVO Nru 23 — Spika żgħira medjana: it-tul tal-gluma u s-sifa tagħha relattiv għall-ħabba

CPVO Nru 25 — Ħabba: l-ispikulazzjoni tan-nervituri laterali interni tal-ġenb dorsali tal-lemma

▼ **M17**

2.2. Qamħirrum

Għall-varjetajiet li jappartjenu għall-ispeċi qamħirrum (*Zea mays* L.) il-karatteristiċi tad-DUS li ġejjin tal-protokoll CPVO-TP/002/3 tas-CPVO tal-varjetà ttestjata jistgħu, għall-uniformità, jiddevjaw mir-rekwiżiti tad-DUS li ġejjin:

- CPVO Nru 1 — L-ewwel werqa: l-għant kulur antoċjanina
- CPVO Nru 2 — L-ewwel werqa: il-forma tal-ponta tal-werqa
- CPVO Nru 8 — Ġummiena: il-glumi kulur antoċjanina eskluża l-bażi
- CPVO Nru 9 — Ġummiena: l-anteri kulur antoċjanina
- CPVO Nru 10 — Ġummiena: l-angolu bejn z-zokk prinċipali u l-fergħat tal-ġenb
- CPVO Nru 11 — Ġummiena: il-kurvatura tal-fergħat tal-ġenb
- CPVO Nru 15 — Zokk: l-għerquq 'il fuq minn wiċċ il-ħamrija, kulur antoċjanina
- CPVO Nru 16 — Ġummiena: id-densità ta' spiki żgħar
- CPVO Nru 17 — Werqa: l-għant kulur antoċjanina
- CPVO Nru 18 — Zokk: l-internodi kulur antoċjanina
- CPVO Nru 19 — Ġummiena: it-tul taz-zokk prinċipali 'l fuq mill-ibxax fergħa tal-ġenb
- CPVO Nru 20 — Ġummiena: it-tul taz-zokk prinċipali 'l fuq mill-ogħla fergħa tal-ġenb
- CPVO Nru 21 — Ġummiena: it-tul tal-fergħa tal-ġenb

2.3. Segala

Għall-varjetajiet li jappartjenu għall-ispeċi segala (*Secale cereale* L.), il-karatteristiċi tad-DUS li ġejjin tal-protokoll CPVO-TP/058/1 tas-CPVO tal-varjetà ttestjata jistgħu, għall-uniformità, jiddevjaw mir-rekwiżiti tad-DUS li ġejjin:

- CPVO Nru 3 — Koleoptila: il-kulur antoċjanina
- CPVO Nru 4 — Koleoptila: it-tul
- CPVO Nru 5 — L-ewwel werqa: it-tul tal-għant
- CPVO Nru 6 — L-ewwel werqa: it-tul tal-werqa mingħajr iz-zokk
- CPVO Nru 8 — L-aħħar werqa: il-glawkożità tal-għant
- CPVO Nru 10 — Werqa ħdejn l-aħħar werqa: it-tul tal-werqa mingħajr iz-zokk
- CPVO Nru 11 — Werqa ħdejn l-aħħar werqa: il-wisa' tal-werqa mingħajr iz-zokk
- CPVO Nru 12 — Sbula: il-glawkożità
- CPVO Nru 13 — Zokk: ix-xagħar ta' taħt l-isbula

2.4. Qamħ

Għall-varjetajiet li jappartjenu għall-ispeċi qamħ (*Triticum aestivum* L. subsp. *aestivum*.), il-karatteristiċi tad-DUS li ġejjin tal-protokoll CPVO-TP/003/5 tas-CPVO tal-varjetà ttestjata jistgħu, għall-uniformità, jiddevjaw mir-rekwiżiti tad-DUS li ġejjin:

- CPVO Nru 3 — Koleoptila: il-kulur antoċjanina
- CPVO Nru 6 — L-aħħar werqa: l-awrikoli kulur antoċjanina
- CPVO Nru 8 — L-aħħar werqa: il-glawkożità tal-għant
- CPVO Nru 9 — L-aħħar werqa: il-glawkożità tal-werqa mingħajr iz-zokk
- CPVO Nru 10 — Sbula: il-glawkożità
- CPVO Nru 11 — Zokk: il-glawkożità tal-għonq

▼M17

- CPVO Nru 20 — Sbula: il-forma fil-profil
- CPVO Nru 21 — Parti tar-rakida apikali: iż-żona tax-xagħar fuq wiċċ konvess
- CPVO Nru 22 — Gluma t'isfel: il-wisa' tal-ispalla
- CPVO Nru 23 — Gluma t'isfel: il-forma tal-ispalla
- CPVO Nru 24 — Gluma t'isfel: it-tul tal-munqar
- CPVO Nru 25 — Gluma t'isfel: il-forma tal-munqar
- CPVO Nru 26 — Gluma t'isfel: iż-żona tax-xagħar fuq il-wiċċ ta' ġewwa

▼ **M17***ANNEX V*

PARTI A

Lista ta' speċijiet msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3)

Xgħir

Qamħirrum

Segala

Qamħ

PARTI B

Kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati – Valur tal-kultivazzjoni u l-użu għal varjetajiet organiċi adattati għall-produzzjoni organika

1. L-eżami għall-kultivazzjoni u l-użu għandu jsir skont il-kundizzjonijiet organiċi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, u b'mod partikolari f'konformità mal-prinċipji ġenerali fl-Artikolu 5(d), (e), (f) u (g) u r-regoli dwar il-produzzjoni tal-pjanti fl-Artikolu 12.
2. Il-ħtiġijiet u l-oġettivi speċifiċi tal-agrikoltura organika għandhom jitqiesu fl-eżami tal-varjetajiet u fl-evalwazzjoni tar-riżultati tal-eżami. Għandhom jiġu eżaminati r-reżistenza jew it-tolleranza għall-mard, u l-adattament għall-kundizzjonijiet lokali varji tal-ħamrija u tal-klima.
3. Fejn l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jipprevedu eżami skont il-kundizzjonijiet organiċi, jew eżami ta' ċerti karatteristiċi, inkluża s-suxxettibbiltà għall-mard, l-ittestjar jista' jitwettaq skont wieħed mill-punti li ġejjin:
 - a. taħt is-supervizzjoni tal-awtorità kompetenti fil-bini ta' nissjela organiċi jew fil-farms organiċi;
 - b. f'kundizzjonijiet ta' input baxx u bi trattamenti minimi;
 - c. fi Stat Membru ieħor, jekk ikunu ġew konklużi ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri biex jinkiseb l-ittestjar f'kundizzjonijiet organiċi.

Il-valur ta' varjetà għall-kultivazzjoni jew l-użu għandha titqies bħala sodisfaċenti jekk, meta mqabbla ma' varjetajiet organiċi oħra adattati għall-produzzjoni organika li huma aċċettati fil-katalgu tal-Istat Membru inkwistjoni, il-kwalitajiet tagħha, meta titqies fl-intier tagħha, joffru, għall-inqas rigward il-produzzjoni f'xi reġjun partikolari, titjib ċar jew għall-kultivazzjoni jew l-użu li jista' jsir mill-għelejjel jew mill-prodotti li joriġinaw minnhom. Karatteristiċi superjuri għall-produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-prattiki tal-biedja u l-produzzjoni tal-ikel jew tal-ġhalf li jippreżentaw vantaġġi għall-agrikoltura organika, għandhom jitqiesu bħala partikolarment siewja għall-eżami tal-VCU.

4. L-awtorità kompetenti għandha tipprevedi kondizzjonijiet ta' eżami differenti li jkunu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-agrikoltura organika u għandha teżamina sal-limitu tal-kapaċità tagħha aspetti u karatteristiċi speċifiċi, fuq talba tal-applikant, jekk ikunu disponibbli metodi riproduttivi.